MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2011

Numru. 83/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian J Abdilla]**

**vs**

**John Cutajar**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Cutajar detentur tal-karta tal-identita` numru 63556(M).

Akkuzat talli fil-5 ta’ Awwissu 2010, u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer:
1. Ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt; jew gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali jew wieghed; jew ta struzzjonijiet biex isir delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

2. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirskostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

3. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi:
i. tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
ii. tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti; u
iii. tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1), 121A(1), 188, 108 u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-ewwel tlett akkuzi kif dedotti kontrih biss u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekussjoni u li l-fedina penali tal-istess hija kwazi netta u li l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputat John Cutajar hati tal-ewwel tlett akkuzzi biss li bl-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum, filwaqt li tilliberah mir-raba' akkuza stante li kif xehdet l-impjegata ta' Transport Malta Beatrice Fenech, hija qatt ma tat gurament kif trid il-ligi lill-imputat fuq id-dokument

immarkat Dok IA5, u ghalhekk ir-reat taht l-Artikolu 108 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jissusistix.

Finlament spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------